**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 14 ta' Mejju 2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jessica Grima)**

**Vs**

**JOSEPH APAP**

**Kump Nru 247/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Joseph Apap** detentur tal-karta tal-identita numru 1964714M, gie akkuzat talli:

1. Fit-2 ta' Mejju waqt li kont qieghed taghti x-xhieda tieghek quddiem il-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, waqt is-seduta tal-Qawra kif ukoll talli fil-21 ta' Settembru 2008 filghodu waqt li kont qieghed taghmel stqarrija quddiem l-ispettur tal-pulizija Paul Bond gewwa l-ghassa tal-Qawra fil-prezenza ta' PC185 William Saliba, bil-hsieb li taghmel hsara lis-surgent 935 Patrick Cassar, akkuzajtu quddiem awtorita kompetenti b'reati, fil-waqt li kont taf li l-imsemmi surgent tal-pulizija kien innocenti.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-3 t' April 2012 (ara *folio 1*5) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

**Rat u ezaminat sew l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti** (enfasi apposita tal-Qorti);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi hija l-fehema ta` din il-Qorti li l-procediment odjern huwa kolpit b'diversi nuqqasijiet procedurali li certament, mhux biss ma jistghux jigu skartati, izda huma tali li effettivament jincidu fuq l-integrita` ta` dawn il-proceduri.

1. L-ewwel punt procedurali huwa u jikkoncerna d-dicitura tal-imputazzjoni dedotta. L-prosekuzzjoni takkuza lill-imputat "talli nhar it-2 ta` Mejju, waqt li kont qed taghti x-xhieda ….". L-imputazzjoni ma taghmel ebda referenza ghal xi sena partikolari. Dan in-nuqqas jirrendi l-imputazzjoni bhala wahda monka *ab initio*. Fl-ebda hin matul dawn il-proceduri, il-prosekuzzjoni ma talbet xi forma ta` korrezzjoni jew xi zieda biex taghmel l-imputazzjoni wahda li tinftihem u integra kif inhu xieraq fi proceduri kriminali;

2. It-tieni punt procedurali hu li effettivament l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ma giet, fl-ebda istanza, moqrija bil-gurament minn Spettur tal-pulizija. Ghal dan il-ghan, l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-verbali kollha fil-process. Din il-mankanza ggib fix-xejn l-atti kollha ta` dan il-procediment;

Illi dawn id-difetti procedurali msemmija jirrendu kwalunkwe analizi tal-provi mressqa bhala inutili. Il-Qorti pero` jidhrilha li ghandha tikkummenta illi r-rizultanzi processwali, mehuda kollha flimkien, ma humiex sufficjenti sabiex legalment javvera ruhu r-reat kkontemplat fl-Artikolu 101(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta (ir-reat, jew wiehed mir-reati), li jidher li kien prospettat mill-prosekuzzjoni skond id-dicitura tal-imputazzjoni kif tidher fil-komparixxi originali.

**Decide;**

GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT **JOSEPH APAP** MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONI KIF MIGJUBA U MINNHA TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur